MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 434/1997/1

Carmel sive Charles Muscat
vs
Director Works Division u b' digriet tal-15 ta' Dicembru 1999 gie kjamat fir-rikors ic-Chairman tal-Awtorita` tad-Djar

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1988 huwa sofra ingustizzja f' li ma nghatax il-promozzjoni li kien jisthoqqlu.
Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi ilu jahdem mal-Works Division mill-1975, imma gie mitlub li jahdem ma' l-Awtorita` tad-Djar mill-4 ta' Novembru 1983. Kemm ilu jahdem mal-Awtorita` tad-Djar huwa kien wiehed minn ta' l-ewwel li mexxa s-sezzjoni teknika u kien ukoll responsabbli mit-tahrig ta' staff

tekniku. Kemm ilu jahdem ma' l-Awtorita' tad-Djar huwa dejjem ghamel ix-xoghol rikjest minnu bl-akbar abilta` u efficjenza. Dan jistghu jixhduh is-superjuri tieghu ta' l-Awtorita` tad-Djar. L-ingustizzja li huwa qieghed isofri hija intortament. Dan ghaliex il-Works Division, fejn huwa ghadu ufficjalment impjegat, lilu qieghed jiddiskrimina kontra tieghu minhabba il-fatt li huwa ma huwiex attwalment ikun jahdem il-Works Division. Meta harget sejha ghal Technical Officer I, OPM Cicular 59/88, huwa applika izda ghalkemm hu kellu l-kwalifiki mitluba bhal dawk li saru, huwa xorta wahda ma hax din il-promozzjoni. Ic-Chairperson tal-Housing Authority fl-1991 kien kiteb lid-Direttur tal-Works Division biex jaghrrfu li huwa ma kienx qieghed jigi assessjat mill-Works Division. Barra minn hekk infurmatu dwar il-kapacitajiet tieghu u rrakkomandat li ghandu jinghata promozzjoni. Din l-ittra saret minhabba l-fatt li huwa kien qieghed ikun litteralment minsi mill-Works Division minn kull rigward. Huwa talab ukoll bil-miktub lill-OPM biex jinghata raguni ghala huwa ma nghatax il-promozzjoni ta' Technical Officer I. Wara hafna korrispondenza huwa ma nghatax raguni valida. Din ma kenitx l-ewwel darba li grat, kien ressaq kaz simili quddiem il-Kummisjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. F'Ottubru 1991 huwa gie infurmat mill-OPM, li kellu ragun u kellu jiehu l-grad ta' Technical Officer I b'effett minn April 1987. Fil-fatt din qatt ma giet implimentata u baqa’ ghaddej bil-korrispondenza dwarha.  Ghalhekk huwa qed dejjem isofri din l-ingustizzja b'effett mill-1991.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu u dan lest li jippruvah bid-dokumenti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni b' lura u l-beneficcji li ggib maghha, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma' jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kumpens xieraq rigward l-imsemmija promozzjoni.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti pprezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie impjegat fil-grad ta' Summer Worker mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-18 ta' Gunju 1975. Hu lahaq il-grad ta' Auxiliary Worker fl-10 ta' Marzu 1976. Fil-15 ta' Jannar 1981 hu sar Works Technical Officer. Fl-4 ta' Novembru 1983 hu gie sekondat ma' l-Awtorita` tad-Djar fejn ghadu sal-lum.
Illi fl-20 ta' Mejju 1988 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet Numru 59/88 ghall-gradi ta' Technical Officer I u Technical Officer II rispettivament. Ir-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' W.T.O. u ghalhekk applika ghall-pozizzjoni ta' Technical Officer I. Hu nghata n-numru 45 bhala n-numru ta' referenza.

Hu gab 62 marka u rrenda ruhu l-45 post. Minn dawn gew mahtura tletin u ghaldaqstant l-ilment allegat mir-rikorrent ma jikkostitwix prova.

Wara din is-sejha kienet harget sejha ohra biss, dik li ggib in-Numru 37/92 datata 5 ta' Mejju 1992, izda r-rikorrent naqas li japplika.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra r-risposta tal-Awtorita` tad-Djar li eccepiet:

1. Illi r-rikorrent Carmel Muscat ma hux impjegat ta' l-Awtorita` tad-Djar u ghalhekk ma jispettax lill-istess Awtorita` li taghti promozzjonijiet lill-istess rikorrent. Fil-fatt ir-rikorrent jahdem mac-Civil u l-paga tohrog minn hemm.

2. Illi ghal dawn il-motivi r-rikors ma jistax ikun dirett kontra l-Awtorita` tad-Djar stante li din ma tistax taghti promozzjonijiet lill-istess rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-Awtorita` intimata.
Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent xehed u qal li dwar cirkolari 59/88 ghal TOI qatt ma mar quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Dwar is-sejha ghal TOI fl-1991 qal li deher quddiem il-Kummissjoni, nghata ragun u r-rimedju u ma giex implimentat. Zied ighid li beda jahdem mal-Works Division fl-1975 u fl-1981 sar Works Technical Officer. Qal li hu applika ghas-sejhiet ta' TOI izda ma hadhiex u ghalhekk kien mar quddiem il-Kummissjoni. Xorta qatt ma ha l-paga u l-grad ta' TOI.

In kontro ezami hu qal li hu kien applika ghal cirkulari 59/88 u kien gie nfurmat li gie il-45 post. Esebixxa dokumenti a fol 105 u 106 tal-process fejn jidhru l-azzjoni mehtiega mill-Kummissjoni u jidher li hu diga kien tnizzel bhala TOI u esebixxa wkoll Dok CM3 a fol 107 li juri t-telf finanzjarju peress li ma hax il-promozzjoni. Sostna li hu kellu l-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji pero` d-decizjoni ma gietx implimentata ghalkemm kienet favuru. Hu esebixxa wkoll Dok CM6 u CM7 a fol 115 u 116 tal-process li huma korrispondenza mill-UHM u mill-PSC u Dok CF1 a fol 126 tal-process li hi ittra mill-Awtorita` tad-Djar li turi l-istorja tieghu.

Xehdet il-Perit Cathrine Galea li kienet Chairperson tal-Housing Authority li kkonfermat Dok CM1 a fol 105 tal-process u qalet li din l-ittra kitbitha hi lid-Direttur tal-Works Division fir-rigward tar-rikorrent u kitbet din l-ittra in segwitu ta' korrispondenza li kien hemm mill-UHM. Ikkonfermat li r-rikorrent kien jaghmel xoghol mal-Housing Authority "consciensously and diligently".

Xehed Angelo Agius Manager fl-Administration & Finance fl-Awtorita` tad-Djar. Qal li fl-1988 ir-rikorrent diga kien hemmhekk. Muri dokument a fol 106 tal-process hu kkonferma li din l-ittra kitibha hu fejn kien irrakomanda biex ir-rikorrent jiehu course fl-administration. Qal ukoll li jidher li l-Awtorita` tad-Djar ma setghetx taghti l-promozzjoni lir-rikorrent peress li hu kien “on secondment” mid-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Xehed Leonard Zerafa rapprezentant tal-Awtorita` tad-Djar, li esebixxa dokument esebit a fol 139 tal-process li hu dokument li juri li l-unika azzjoni li ttiehdet mill-Awtorita` tad-Djar hi li iddikjarat li l-Awtorita` tad-Djar m’ghandhiex oggezzjoni biex ir-rikorrent jiehu l-promozzjoni. Esebixxa wkoll dokument a fol 155 u 156 li huma ittri fir-rigward tar-rikorrent.

Xehed George Calleja rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet li qal jidher li r-rikorrent ha l-grad ta’ TOI meta kien fil-Housing Authority u qal li dan jirrizulta mis-Service & Leave Records Sheet.

Xehed Dr Paul Mifsud li semma li meta beda bhala Deputy Chairman tal-Housing Authority ir-rikorrent diga kien hemm mat-Technical Section.

Xehed Albert Brimmer li kkonferma li kellu ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u qal li hu kien ha l-hatra b’effett minn April 1987 kif ukoll l-arretrati fid-differenza fis-salarju minn Ottubru 1987.

Xehed Emanuel Cortis rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici li kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-risposta tad-Dipartiment.

**KONKJLUZJONIJIET:**

L-ilment tar-rikorrent huwa dwar il-fatt li ghalkemm hu kien jahdem b’ mod tajjeb u in segwitu tac-cirkolari 59/88 ghall-kariga ta’ Technical Officer 1 f’ dak il-bord ir-rikorrent gab 62 marka u gie klassifikat fil-45 post meta gew imlahhqa 30 u li meta in segwitu hu mar quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li nhasset li kellu

jinghata tali promozzjoni r-rikrorent xorta wahda ma nghatax tali promozzjoni. Giet imsejha fil-kawza l-Awtorita` tad-Djar izda l-ilment huwa indirizzat lil min ma tahx il-promozzjoni u cioe` Director Works Division u dan kif jitlob l-istess Artikolu 181B tal-Kap 12. Ghalhekk hu ovvju li l-Awtorita` tad-Djar m' ghandhiex x' taqsam mal-ilment tar-rikorrent u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-rikorrent qieghed jilmenta fuq in-nuqqas tal-implimentazzjoni tal-Kummissjoni, liema nuqqas jammonta ghal ingustizzja. Infatti jirrizulta mid-dokumenti esebiti li s-Sur A. Fiorini Lowell kiteb lir-rikorrent fil-15 ta' Ottubru 1991 u rrefera ghad-decizjoni tal-Kummissjoni li rrakkomandat li r-rikorrent jiehu l-hatra ta' Technical Officer 1 b' effett mill-15 ta' April 1987 u li jibda jiehu l-arretrati bid-differenza fis-salarju mill-1 ta' Ottubru 1987. Fl-istess ittra s-Sur Fiorini Lowell informa lir-rikorrent li l-Prim Ministru ra r-rapport u accetta d-decizjoni tal-Kummissjoni izda gara li peress li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku m' ghamlitx ir-rakkomandazzjoni taghha ir-rikorrent baqa' ma hax dak li kien gie deciz mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kitbet lir-rikorrent u qaltlu li "kieku kellek tigi mahtur b' effett mill-1987, lil dawn inti kont taqbizhom kollha minkejja li fl-1988 gew qablek fl-ordni tal-mertu". Irrizulta wkoll li Albert Brimmer li kien fl-istess pozizzjoni inghatatlu l-promozzjoni u infatti jirrizulta a fol 176 tal-process li ntbaghtet ittra simili ghal dik li ntbaghtet lir-rikorrent fl-istess data tal-15 ta' Ottubru 1991 (liema ittra tinsab a fol 6 tal-process). Illi dan kollu fil-fehma tat-Tribunal jammonta ghal ingustizzja kif definita mill-Kap 394.

It-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat. Ghal dawn il-motivi jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Technical Officer 1 b'effett mill-istess data li gew mahtura n-nies l-ohra in segwitu tac-cirkolari OPM59/88 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat Director Works Division hlief dawk riferibbli ghall-Awtorita` tad-Djar li jibqghu a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------